MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 15/2006/1

**Adriana Chircop, mart Massimo, f'isimha personalment kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza ta' Victor Pullicino, Bernard Francis Pullicino, Edward Pullicino, Mary Anne Zammit Pullicino mart Etienne Zammit, Yvonne Pulliicno armla ta' Mario Pullicino, bhala uzufruttwarja, Graziella Pullicino, Patricia Curmi mart Christopher Curmi kemm f'isimha personalment kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza ta' Stephane Mose.**

**vs**

**Salvina Galea u, b'digriet tal-4 ta' Frar 2008, gew kjamati in kawza Josephine Camilleri, Vincent Micallef u Joseph Micallef u, b'digriet tas 26 ta' Mejju 2008, gew kjamati in kawza Charmaine Galea Triganza, Pauline Vella u Mary Joan Vella, liema digriet gie revokat 'contraro imperio' minn dana il-Bord illum stess.**

Illum 24 ta' Ottubru 2013

Il-Bord,

Ra ir-rikors ippresentat fl 4 ta' Dicembru 2006 fejn ir-rikorrent stqarrew ili huma jikru lill Salvina Galea madwar tlettax-il elf, tlett mija u sitta u tletin metru kwadru raba, il-maggor parti ta' liema huwa fit-territorju maghruf bhala 'Ta' Wied il-Busbies' u 'Tal Hanxarin' fil-limti tar-Rabat, Malta, u sahqu li hija ssullokat jew ttrasferiet l-art lill-terzi minghajr il-kunsens tas-sid kif ukoll parti mir-raba ilhom ma jinhadmu aktar minn sentejn. Huma ghalhekk talbu li jinghataw id-dritt illi jirriprendu l-art in kwistjoni.

Ra ir-risposta ta' Salvina Galea ippresnetat fl 24 ta' Mejju 2007 fejn sahqet, preliminarjament, illi r-rikorrenti kellhom jippruvaw it-titolu taghhom kif ukoll Adriana Chircop u PAtricia Curmi kellhom jippruvaw il-mandat taghhom. Fil-meritu, imbghad, l-intimata sahqet illi hija kienet ghamlet kuntratt ta' donazzjoni lil tlett ulied taghha, Charmaine Galea Triganza, Pauline Vella u Mary Joan Camilleri, lkoll ahwa Galea, u dana fl 1 ta' Novembru 2001 u ghalhekk kellhom jigu kjamati in kawza, bhalma kellhom jigu kjamati in kawza anke Josephine Camilleri, Vincent Micallef u Joseph Micallef illi ghandhom porzjonijiet ohra lilhom imqabbla. Apparti minn hekk, l-intimata saqhet illi dak allegat mir-rikorrenti ma kienx minnu.

Ra ir-risposta tal-kjamati in kawza Josephine Camilleri, Vincent Micallef u Joseph Micallef, ippresentata fis 26 ta' Marzu 2008, illi kienu gew kjamati in kawza permezz ta' digriet ta' l-4 ta' Frar 2008, fejn huma sahqu illi huma kellhom titolu validu ta' lokazzjoni u ma kien sar ebda sullokazzjoni bla permess, kif ukoll sahqu li ma kienx minnu illi l-art kienet ilha ma tintuza.

Ra illi fis 26 ta' Mejju 2008, intalbet il-kjamat in kawza ta' Charmaine Galea Triganza, Pauline Vella u Mary Joan Camilleri, liema talba intlaqghet dakinhar stess.

Ra illi tali kjamat inkawza qatt ma gew notifikati u ghalhekk, dana il-Bord, ser jghaddi biex jirrevoka, 'contrario imperio' il-kjamat in kawza ta' Charmaine Galea Triganza, Pauline Vella u Mary Joan Camilleri.

Ra illi bejn is-27 ta' Ottubru 2008 u l-10 ta' Mejju 2010, sehhew disgha seduti fejn il-partijiet gharrfu illi kienu qed jippruvaw jaslu ghal transazzjoni.

Ra illi fis 6 ta' Ottubru 2010, il-partijiet gharrfu illi transazzjoni ma sehhietx u ghalhekk il-Bord sema x-xhieda, in subizzjoni, ta' **Paul Agius** filwaqt illi l-Bord appunta Assistent Gudizzjaru sabiex jisma x-xhieda ta' l-intimata Salvina Agius.

Ra illi permezz ta' digriet taghha tal 20 ta' Ottubru 2011, wara illi kien hemm sebgha seduta fejn ma tressqu ebda provi, il-Bord ordna illi jsir access fil 25 ta' Ottubru 2011 sabiex tinstema x-xhieda ta' Salvina Galea, liema seduta izda ma sehhietx.

Ra illi fl-20 ta' Jannar 2012 il-Bord appunta Assistent Gudizzjaru iehor sabiex jisma x-xhieda ta' Salvina Galea.

Ra illi fis 17 ta' April 2012 kellha tinstema x-xhieda ta' Galea izda l-avukat tar-rikorrent ma setax jattendi u ghalhekk is-seduta ma setghetx issir.

Ra illi fis 26 ta' Gunju 2012, kellha, ghal darba ohra, tinstema x-xhieda ta' Galea izda r-rikorrenti regghu ma dehrux, bl-iskuza illi ma kieux jafu bis-seduta illi kienet giet verbalizzata quddiem dana il-Bord fis-seduta tat 23 ta' Mejju 2012.

Ra illi fid 9 ta' April 2013, regghet, ghal darba ohra, saret seduta ghax-xhieda ta' Galea izda, ghal darba ohra, l-

avukat tar-rikorrenti ma deherx u ghalhekk ma setghetx issir is-seduta.

Ra illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, il-Bord ghamel referenza ghal-verbal tat 28 ta' Frar 2013 fejn gie indikat li jekk is-seduta tat 9 ta' April 2013 ma tinzammx, il-Bord ser jiddikjara illi x-xhieda ta' Galea ma hijex aktar mehtiega. Kien ghalhekk illi l-Bord iddikjara il-provi rikorrenti bhala maghluqa.

Il-Bord ra illi l-intimati, fis-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2013, iddikjara illi huma jistriehu fuq il-provi prodotti u ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw, u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentena ghall 24 ta' Ottubru 2013.

**Ikkunsidrat**

Il-Bord, l-ewwel u qabel kollox, jinnota illi dina l-kawza kienet kontra-distinta minn dilungar inutili u bla bzonn da' parte tar-rikorrenti illi ghamlu xhur shah, jekk mhux snin, jew jitolbu differimenti ghal transazzjoni jew inkellha ma jattendux ghal seduti sabiex jinstemghu xhieda taghhom barra mill-Qorti u kien eventwalment dana id-dilungar inutili illi wassal lill-Bord sabiex jiddikjara il-provi taghhom bhala maghluqa sebgha snin wara illi bdew il-proceduri odjerni u tlett snin wara illi ressqu l-ahhar prova taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi tul il-proceduri kollha illi damu aktar minn sebgha snin, l-unika xhieda prodotta mir-rikorrenti kienet dik, in subizzjoni, ta' Paul Agius, moghtija fis 6 ta' Ottubru 2010, fejn stqarr illi l-art in kwistjoni kienet originalment baghli izda, maz-zmien, wara illi kienu ottjenew il-permess tas-sidien Pullicino, kienu ghamlu xogholjiet ta' tqieghed ta' hamrija u sistemi ta' tisqija sabiex issa l-art hija kwazi kollha saqwi. Huwa stqarr ukoll illi flimkien ma' l-ghelieqi hemm razzett zghir fejn jghix huh Anthony Agius. Tali xhieda kollha kienet tirrigwarda, izda, l-art li jaghmel uzu minnha hu, u li hija l-meritu ta' kawza ohra li kienet qed

tinstema kontestwalment u li hija deciza illum stess, Rikors Nru 15/06 '**Adriana Chircop et vs Salvina Galea et**'. Ebda referenza ma ssir ghall-propjeta meritu tal-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna, kien jispetta lir-rikorrenti jressqu il-provi taghhom fuq dak minnhom allegat izda huma qatt ma ressqu prova wahda biex jirribattu dak eccepit mill-intimati, lanqas provi fuq it-titolu illi ghandhom r-rikorrenti u l-mandati li Adriana Chircop u Patricia Curmi, prova certament semplici illi setghu facilment iressqu tul is-sebgha snin li ghamlet ghaddeja dina l-kawza.

Illi peress illi r-rikorrenti ma ressqu assolutament ebda prova, il-Bord ma jara ebda raguni ghaliex ma ghandhux jilqa l-eccezzjonjiet kollha ta' l-intimati.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra l-atti kollha tal-process u l-provi kollha hemm imressqa

Jghaddi biex jaqta u jiddeciedi billi,

Jirrevoka 'contrario imperio' id-digriet taghha illi biha ordnat il-kjamat in kawza ta' Charmaine Galea Triganza, Pauline Vella u Mary Joan Camilleri u, fil-meritu

Jilqa l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata u tal-kjamat in kawza Josephine Camilleri, Vincent Micallef u Joseph Micallef u ghalhekk

Jichad it-talbiet kollha attrici

Spejjez kollha a kariku tar-rikorrenti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------